

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li, fi kwalunkwe każ, id-deżinjazzjoni ta' UCI tikser id-drittijiet fundamentali tagħha u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/620, tal-20 ta' April 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 102, 21.4.2015, p. 43).

⁽²⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/614, tal-20 ta' April 2015, li jimplimenta l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 102, 21.4.2015, p. 10).

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2015 – Perry Ellis International Group vs UASI – CG (P)

(Kawża T-350/15)

(2015/C 270/51)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Perry Ellis International Group Holdings Limited (Nassau, Bahamas) (rappreżentanti: O. Günzel u V. Ahmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: CG verwaltungsgesellschaft mbH (Gevensberg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva bl-iswed u bl-abjad li tinkludi l-element verbali "P" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 889 723

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' April 2015 fil-Każ R 2441/2014-4.

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna għall-ispejjeż lill-konvenut u lill-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.